



*Imħejji minn*
*Ronald Mizzi*
*Research Analyst*
*fil-Forum Malta fl-Ewropa*
*ronald.mizzi@gov.mt*

# Għawdex, l-Unjoni Ewropea u l-Kunsilli Lokali

Riċentament ġejt mistieden nindirizza sessjoni mill-laqgħa annwali għall-Kunsilliera tar-Reġjun t'Għawdex li ffukat dwar kif il-Kunsilli Lokali Għawdxin jistgħu jkunu promoturi ta' fondi ġejjin mill-UE.

Ħafna drabi jiġri li l-Kunsilli Lokali jibqgħu wisq assoċjati ma' l-iskopijiet tradizzjonali tagħhom, mingħajr ma jifdlilhom hin jesploraw il-potenzjal t'opportunitajiet li taf toffrilhom l-UE speċjalment f'termini ta' fondi.

Ċertament li l-gżira Għawdxija m'hix nieqsa minn dawn l-opportunitajiet. Biċ-ċirkostanzi speċifiċi tiegħu, speċjalment problemi relatati mal-fatt li huwa gżira fuq il-periferija ta' gżira oħra, Għawdex fl-UE ġie meqjus bħala gżira-reġjun u separat minn Malta għal fini ta' statistika u żvilupp reġjonali. Dan jagħmilha possibli li jibqa' jitqies bħala reġjun taħt objettiv anke jekk Malta ma tibqax wara l-2013. Ġie nnegozjat ukoll li l-istat jibqa' joffri għajnuna fejn jidħol trasport ta' prodotti agrikoli għall-ewwel ħames snin ta' sħubija apparti milli t-trasport bejn Malta u Għawdex jibqa' mingħajr VAT u dak għar-residenti Għawdxin jibqa' jiġi ssusidjat.

Il-Gvern Malti ra wkoll il-bżonn li jagħti attenzjoni xierqa lil Għawdex fejn jidħlu fondi ta' l-UE. Fil-fatt, għaxra fil-mija tal-fondi strutturali li ħa pajjiżna (2004-06) ġew allokati għal Għawdex, primarjament sabiex jiġi indirizzat l-iżvilupp fil-qasam ta' l-infrastruttura, jiġu żviluppati r-riżorsi umani, jitjiebu l-aċċessibilità u l-prodott turistiku u tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-ekonomija Għawdxija.

Matul dawn l-ewwel tlett snin ta' sħubija, il-Kunsilli Lokali Għawdxin kellhom ukoll bosta għodod differenti ta' l-UE li minnhom setgħu jagħmlu użu bħal programmi ta' taħriġ, fondi strutturali għat-titjib ta' l-ambjent, azzjonijiet li jwasslu għal aktar kuntatti ma' kunsilli barranin permezz ta' ġemellaġġi u ħafna metodi oħra li permezz tagħhom jinkoraġġixxu lill-individwi u organizzazzjonijiet tal-lokal sabiex ifittxu jagħmlu użu mill-istess fondi ta' l-UE.

Ħadt tliet eżempji partikolari. Semmejt l-ewwel il-proġett ta' Wied il-Mielaħ li sar mill-Kunsill Lokali ta' l-Għarb permezz ta' Fondi Strutturali mill-UE, b'investiment ta' aktar minn 200,000 ewro li 73% minnhom ġew mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Saret ukoll referenza għall-proġett ta' taħriġ għall-imħallfin li ttella' mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien ma' l-Assoċjazzjoni Taljana tal-Ġuristi Ewropej bil-għan li jitjieb l-għarfien u l-kapaċità tal-ġudikatura Maltija f'dan il-qasam, liema proġett ingħata assistenza ta' kważi ħamsin elf ewro mill-Kummissjoni Ewropea. It-tielet proġett mistarreġ inkluda ġabra ta' ġemellaġġi u skambji li saru bejn Kunsilli Lokali Għawdxin u oħrajn barranin grazzi għal fondi mill-UE. Fir-raħal ta' San Lawrenz per eżempju, fuq medda ta' ħames snin, il-Kunsill ibbenefika minn aktar minn 43,000 ewro li tqassmu fuq 111 żagħżugħ/a mill-istess raħal. Bosta żgħażagħ ukoll ipparteċipaw fi skambji grazzi għall-proġetti Youth u Comenius.

Wieħed għalhekk ma jistax ma jfaħħarx il-bosta inizjattivi li ħadu Kunsilli Lokali Għawdxin tul dawn l-ewwel tlett snin ta' sħubija. Proġetti bħal dawn juru wkoll il-potenzjal li l-Kunsilli Lokali għandhom sabiex jieħdu l-opportunitajiet offruti mill-UE u jsarrfuhom f'titjib fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħhom. Ċertament però għad fadal fejn wieħed jimraħ, speċjalment issa li dħlin f'perjodu ta' programmi ġodda li għandu jwassalna sas-sena 2013 u li jinkludi bosta opportunitajiet innovattivi.

Għaldaqstant ikun tajjeb li anke min s'issa qatt ma bbenefika, ma jaqtax qalbu; anzi għandu jistinka u jiddedika aktar attenzjoni għal dan il-qasam. Ikun tajjeb ukoll li fejn possibli, il-Kunsilli Lokali jingħaqdu flimkien u jippreżentaw irwieħhom b'mod konġunt speċjalment għal dawk il-proġetti li huma ta' skala akbar.

FORUM
MALTA FL-EWROPA

**Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112**
**Telefon: 2590 9101**
**e-mail:** ***foruminfo@gov.mt***